Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

# IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA (ŻEE), L-IŻVIZZERA U T-TRAMUNTANA

Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) ġiet stabbilita fl-1994 sabiex testendi d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar is-suq intern tagħha għall-pajjiżi taż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA). In-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein huma partijiet kontraenti taż-ŻEE. L-Iżvizzera hija membru tal-EFTA iżda ma tiħux sehem fiż-ŻEE. L-UE u s-sħab taż-ŻEE (in-Norveġja u l-Iżlanda) huma marbuta wkoll permezz ta' diversi "politiki tat-Tramuntana" u fora li jiffokaw fuq it-truf tat-Tramuntana tal-Ewropa, li qed jevolvu b'rata mgħaġġla, u fuq ir-reġjun Artiku kollu kemm hu.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Għaż-ŻEE: L-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni).

Għall-Iżvizzera: Il-Ftehim ta' Assigurazzjoni tal-1989, il-Ftehimiet Bilaterali I tal-1999, il-Ftehimiet Bilaterali II tal-2004

## IŻ-ŻEE

### A. L-objettivi

L-iskop taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huwa li s-suq intern tal-UE jiġi estiż għall-pajjiżi taż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA). Dawn il-pajjiżi jew ma jixtiequx jissieħbu mal-UE jew għandhom ma għażlux li jagħmlu dan. Il-leġiżlazzjoni tal-UE marbuta mas-suq intern issir parti mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi taż-ŻEE ġaladarba jaqblu li jinkorporawha. L-implimentazzjoni u l-infurzar huma mbagħad suġġetti għall-monitoraġġ ta' korpi speċifiċi tal-EFTA u ta' Kumitat Parlamentari Konġunt.

### B. L-isfond

Fl-1992, is-seba' membri li kienu jiffurmaw l-EFTA dak iż-żmien innegozjaw ftehim li jippermettilhom jieħdu sehem fil-proġett ambizzjuż tas-suq intern tal-Komunità Ewropea, li tnieda fl-1985 u twettaq għalkollox fl-aħħar tal-1992. Il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) ġie ffirmat fit-2 ta' Mejju 1992 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

L-għadd tal-membri tal-EFTA/ŻEE, madankollu, ċkien ftit wara: l-Iżvizzera għażlet li ma tirratifikax il-ftehim wara li kien sar referendum negattiv dwar il-kwistjoni, filwaqt li l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja saru membri tal-Unjoni Ewropea fl-1995. L-Iżlanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein biss baqgħu fiż-ŻEE. L-għaxar Stati Membri l-ġodda li ssieħbu mal-UE fl-1 ta' Mejju 2004 saru awtomatikament parti miż-ŻEE, kif għamlu l-Bulgarija u r-Rumanija meta saru Membri tal-Unjoni fl-2007, u l-Kroazja fl-2013.

F'Ġunju 2009, l-Iżlanda wkoll applikat għas-sħubija fl-UE bħala mezz biex toħroġ mill-kriżi finanzjarja globali tal-2008. Il-Kunsill aċċetta l-applikazzjoni tal-Iżlanda fis-17 ta' Ġunju 2010,

u n-negozjati bdew f'Ġunju 2011. Madankollu, wara l-elezzjonijiet parlamentari ta' April 2013, il-koalizzjoni ċentru-lemin ġdida komposta mill-Partit tal-Indipendenza u l-Partit Progressista waqqfet in-negozjati immedjatament wara li telgħet fil-gvern f'Mejju 2013. Aktar tard, f'Marzu 2015, il-gvern ta' koalizzjoni ddikjara f'ittra indirizzata lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li "l-Iżlanda m'għandhiex titqies bħala pajjiż kandidat għal sħubija fl-UE". Għalkemm il-gvern ma rtirax l-applikazzjoni b'mod uffiċjali, il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE ħadet nota tal-ittra, u saru ċerti aġġustamenti prattiċi kemm fi ħdan il-Kunsill kif ukoll fil-Kummissjoni. Konsegwentement, l-UE bħalissa ma tittrattax lill-Iżlanda bħala pajjiż kandidat.

Meta r-Renju Unit jirtira mill-UE, huwa se joħroġ ukoll miż-ŻEE. Jekk ir-Renju Unit ikun jixtieq jibqa' fis-suq intern, jista' jagħżel li jerġa' jissieħeb mal-EFTA u jsir membru taż-ŻEE permezz tal-EFTA. Madankollu, din l-għażla ma tantx jidher li se tittieħed, għax tkun tfisser li r-Renju Unit ikollu jaċċetta l-leġiżlazzjoni Ewropea, pagamenti lill-UE u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

## C. Il-kamp ta' applikazzjoni taż-ŻEE

Iż-ŻEE tmur lil hinn mill-ftehimiet tradizzjonali dwar il-kummerċ ħieles billi testendi d-drittijiet u l-obbligi sħaħ tas-suq intern tal-UE għall-pajjiżi tal-EFTA (bl-eċċezzjoni tal-Iżvizzera). Iż-ŻEE tinkorpora l-erba' libertajiet tas-suq intern (il-moviment ħieles tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital) u l-politiki relatati (il-kompetizzjoni, it-trasport, l-enerġija u l-kooperazzjoni ekonomika u monetarja). Il-ftehim jinkludi politiki orizzontali relatati strettament mal-erba' libertajiet: il-politiki soċjali (fosthom is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol u t-trattament indaqs tal-irġiel u tan-nisa); il-politiki dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, l-ambjent, l-istatistika u l-liġi tal-kumpaniji; u għadd ta' politiki ta' akkumpanjament, bħall-politiki relatati mar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, li mhumiex ibbażati fuq l-*acquis* tal-UE jew atti ġuridikament vinkolanti, imma huma implimentati permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni.

## D. Il-limiti taż-ŻEE

Il-Ftehim ŻEE ma jistabbilixxix dispożizzjonijiet vinkolanti fis-setturi kollha tas-suq intern jew f'politiki oħra taħt it-Trattati tal-UE. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet vinkolanti tiegħu ma jikkonċernawx:

- il-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd (minkejja li l-ftehim fih dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli u tas-sajd);
- l-unjoni doganali;
- il-politika kummerċjali komuni;
- il-politika estera u ta' sigurtà komuni;
- il-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni (minkejja li l-pajjiżi kollha tal-EFTA jagħmlu parti miż-żona Schengen); jew
- l-unjoni ekonomika u monetarja (UEM).

## E. L-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi taż-ŻEE

### 1. Inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE

It-testi ġodda dwar is-suq intern tal-UE jiġu eżaminati minn Kumitat Konġunt taż-ŻEE, magħmul minn rappreżentanti tal-UE u tat-tliet Stati tal-EFTA/ŻEE. Dan il-kumitat, li jiltaqa' darba fix-xahar, jiddeċiedi liema leġiżlazzjoni — u b'mod aktar ġenerali liema atti tal-UE (azzjonijiet, programmi, eċċ.) — għandhom jiġu inkorporati fiż-ŻEE. Il-leġiżlazzjoni tiġi inkorporata formalment permezz tad-dħul tal-atti rilevanti fil-listi ta' protokolli u annessi tal-

Ftehim ŻEE. B'dan il-mod, diversi eluf ta' atti ġew inkorporati fil-Ftehim ŻEE. Kunsill taż-ŻEE, kompost minn rappreżentanti tal-Kunsill tal-UE u l-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati tal-EFTA/ŻEE, jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex ifassal linji gwida politiċi għall-Kumitat Konġunt.

**2.** Traspożizzjoni

Ladarba att tal-UE jkun ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE, dan irid jiġi traspost fid-dritt nazzjonali tal-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE (jekk dan ikun meħtieġ skont dik il-leġiżlazzjoni nazzjonali). It-traspożizzjoni tista' ssir permezz ta' deċiżjoni tal-gvern jew jaf tirrikjedi approvazzjoni tal-parlament. It-traspożizzjoni hija kompitu formali u, f'din il-fażi l-atti jista' jsirilhom biss aġġustamenti tekniċi. Hemm dispożizzjonijiet li jispeċifikaw li l-pajjiżi tal-EFTA għandhom ikunu involuti fil-preparazzjoni tal-atti tal-UE.

**3.** Monitoraġġ

Wara li l-leġiżlazzjoni applikabbli għas-suq intern tkun ġiet estiża għall-pajjiżi tal-EFTA-ŻEE, it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni huma monitorjati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u mill-Qorti tal-EFTA. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA żżomm tabella ta' valutazzjoni tas-suq intern li żżomm rendikont dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-pajjiżi taż-ŻEE.

**4.** Ir-rwol tal-parlamenti

Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-parlamenti nazzjonali tal-Istati tal-EFTA-ŻEE huma involuti mill-qrib fil-monitoraġġ tal-Ftehim ŻEE. L-Artikolu 95 tal-ftehim jistabbilixxi Kumitat Parlamentari Konġunt (KPK) taż-ŻEE, li jiltaqa' darbtejn fis-sena. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taż-ŻEE jospitaw dan il-kumitat b'sistema ta' rotazzjoni, u l-presidenza tiegħu talterna kull sena bejn Membru tal-Parlament Ewropew u membru parlamentari nazzjonali taż-ŻEE. Kull delegazzjoni hija magħmula minn 12-il membru. Il-membri parlamentari mill-Assemblea Federali Żvizzera jattendu l-laqgħat bħala osservaturi. Il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE li tapplika għaż-ŻEE hija suġġetta għall-iskrutinju tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE, li l-membri tiegħu għandhom id-dritt li jressqu mistoqsijiet orali jew bil-miktub lir-rappreżentanti tal-Kunsill taż-ŻEE u tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom f'rapporti jew f'riżoluzzjonijiet. L-istess proċedura tapplika għall-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

## L-IŻVIZZERA

Bħala membru tal-EFTA, l-Iżvizzera ħadet sehem fin-negozjati għall-Ftehim ŻEE u ffirmat il-ftehim fit-2 ta' Mejju 1992. Immedjatament wara, il-Gvern Żvizzeru ppreżenta applikazzjoni għall-adeżjoni mal-UE fit-22 ta' Mejju 1992. Madankollu, wara r-referendum tas-6 ta' Diċembru 1992 li rriżulta f'vot kontra l-parteċipazzjoni fiż-ŻEE, il-Kunsill Federali Żvizzeru waqqaf il-ħidma għall-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE u maż-ŻEE. Minn dak iż-żmien, l-Iżvizzera żviluppat ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE permezz ta' ftehimiet bilaterali sabiex tissalvagwardja l-integrazzjoni ekonomika tagħha mal-UE. Ir-relazzjonijiet bilaterali kienu batuti ħafna wara l-inizjattiva kontra l-immigrazzjoni ta' Frar 2014, u r-riżultat tagħha xeħet dubju fuq il-prinċipji ta' moviment ħieles u s-suq uniku li huma l-bażi ta' dawn ir-relazzjonijiet. F'Diċembru 2016, il-Parlament Żvizzeru adotta l-Att dwar il-Barranin, liġi li timplimenta r-riżultat tar-referendum tal-2014 b'mod li tillimita l-effett tiegħu, u witta t-triq għall-bidu tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera. Il-liġi għandha l-għan li tagħti prijorità lir-residenti Żvizzeri fir-reklutaġġ għal impjiegi f'setturi fejn ir-rati tal-qagħad huma ogħla mill-medja. L-UE qieset l-emendi għall-Att dwar il-Barranin bħala pass fid-direzzjoni t-

tajba, peress li din il-liġi issa tista' tiġi implimentata b'mod li ma jirrestrinġix id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fl-ambitu tal-moviment liberu tal-persuni.

Wara l-laqgħa bejn il-President tal-Iżvizzera Doris Leuthard u l-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker, li saret fi Brussell fis-6 ta'April 2017, żviluppat dinamika pożittiva u reġgħet bdiet il-ħidma fuq għadd ta' kwistjonijiet pendenti. Ġew aġġornati xi ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku. F'Novembru 2017, l-UE u l-Iżvizzera ffirmaw ftehim ġdid – ftehim biex jorbtu l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tagħhom — u l-Iżvizzera nediet il-proċedura interna biex tagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġdida biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali f'xi Stati Membri. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2441 li tirrikonoxxi ċentri tan-negozjar fl-Iżvizzera bħala eleġibbli għall-konformità mal-obbligu tan-negozjar għall-ishma kif stabbilit fid-Direttiva u r-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID II/MiFIR), li daħlu fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2018. L-ekwivalenza finanzjarja madankollu ngħatat għal sena waħda biss, u t-tiġdid tagħha se jiddependi mill-progress fin-negozjati tal-ftehim istituzzjonali. Minkejja li din id-deċiżjoni ħalliet impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera, jista' jkun li pprovdiet ukoll l-ispinta li kienet ilha meħtieġa lin-negozjati istituzzjonali, li kienu diġà tnedew sar-rebbiegħa tal-2014. L-UE u l-Iżvizzera ffirmaw aktar minn 120 ftehim bilaterali, inkluż ftehim ta' kummerċ ħieles fl-1972 u żewġ sensiliet ewlenin ta' ftehimiet bilaterali settorjali li allinjaw porzjon kbir tad-dritt Żvizzeru ma' dak tal-UE fil-mument tal-iffirmar. L-ewwel sett ta' ftehimiet settorjali (magħruf bħala Bilaterali I) ġie ffirmat fl-1999 u daħal fis-seħħ fl-2002. Dawn is-seba' ftehimiet ikopru l-kwistjonijiet tal-moviment ħieles u l-ftuħ reċiproku tas-suq[1]. Sett ieħor ta' ftehimiet settorjali (Bilaterali II) ġie ffirmat fl-2004 u daħal fis-seħħ b'mod gradwali fil-perjodu 2005-2009. Essenzjalment, dawn il-ftehimiet jirrigwardaw it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika u jestendu l-kooperazzjoni dwar l-ażil u l-ivvjaġġar ħieles fi ħdan il-fruntieri ta' Schengen[2].

Filwaqt li l-ftehimiet intensifikaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi, dawn ħolqu wkoll netwerk kumpless u xi drabi inkoerenti ta' obbligi, li mhux faċli li wieħed isostnihom. Il-ftehimiet bilaterali jiġi aġġornati regolarment. Għall-kuntrarju tal-Ftehim ŻEE, in-natura tal-ftehimiet bilaterali mal-Iżvizzera hija statika, peress li ma jeżistux mekkaniżmi xierqa biex jadattaw il-ftehimiet għall-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u ma hemm l-ebda sorveljanza jew mekkaniżmi effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Sabiex tinstab soluzzjoni għal dawn il-problemi-, fit-22 ta' Mejju 2014 inbdew negozjati bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar ftehim ta' qafas istituzzjonali. In-negozjati għandhom l-għan li jsolvu problemi dovuti għan-natura dejjem tevolvi tal-*acquis* tal-UE relatat mas-suq intern u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim fin-netwerk ta' trattati bilaterali attwali. In-negozjati dwar il-qafas istituzzjonali huma kruċjali, peress li l-Kunsill tal-UE huwa determinat li ma jippermettix lill-Iżvizzera aċċess ulterjuri għas-suq uniku (pereżempju fir-rigward tal-elettriku) mingħajr dan il-ftehim ta' qafas, u anke rabat it-tiġdid imsemmi hawn fuq tal-ekwivalenza finanzjarja tal-MiFID II/MiFIR mal-progress fin-negozjati.

---

[1]Is-Seba' ftehimiet huma dwar: il-moviment ħieles tal-persuni, it-trasport bl-ajru, it-trasport fuq l-art, il-kummerċ ta' prodotti agrikoli, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, l-akkwist pubbliku u l-kooperazzjoni fir-riċerka.

[2]Dawn il-ftehimiet jirrigwardaw il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'Schengen u f'Dublin, ftehimiet dwar it-tassazzjoni fuq it-tfaddil, il-prodotti agrikoli pproċessati, l-istatistika u l-ġlieda kontra l-frodi, parteċipazzjoni fil-programm MEDIA tal-UE u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji Żvizzeri għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE.

## IL-POLITIKI TAT-TRAMUNTANA

L-UE hija involuta b'mod attiv f'għadd ta' politiki u fora li jiffokaw fuq it-truf tat-Tramuntana tal-Ewropa, li qed jevolvu b'rata mgħaġġla, u fuq ir-reġjun Artiku kollu kemm hu, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi f'dawn li ġejjin:

— Id-"Dimensjoni tat-Tramuntana", li mill-2007 serviet bħala politika komuni għall-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Iżlanda. Din il-politika tikkomplementa d-djalogu bejn l-UE u r-Russja u wasslet għal sħubijiet settorjali effettivi għall-kooperazzjoni fir-reġjun Baltiku u dak ta' Barents. Id-Dimensjoni tat-Tramuntana tinkludi korp parlamentari — il-Forum Parlamentari tad-Dimensjoni tat-Tramuntanta — li l-Parlament Ewropew huwa membru fundatur tiegħu.

— Il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (CBSS), imniedi fl-1992 mill-UE u mill-Istati tax-xatt ta' dan il-baħar wara li ddiżintegrat l-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi. L-Istati Membri kollha tas-CBSS jipparteċipaw fil-Konferenza Parlamentari tal-Baħar Baltiku (BSPC), li l-Parlament Ewropew huwa membru tagħha wkoll.

— Il-kooperazzjoni fir-reġjun ta' Barents tiġbor fiha r-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja u dak tal-majjistral tar-Russja. Din titwettaq permezz tal-Kunsill Reġjonali ta' Barents li huwa sottostatali, il-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents li huwa interstatali u li l-UE hija membru tiegħu, u konferenza parlamentari li l-Parlament Ewropew huwa membru tagħha.

— Affarijiet tal-Artiku ċirkumpolari: il-politika tal-UE dwar l-Artiku hija bbażata fuq komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni/SEAE (2008. 2012 u 2016), konklużjonijiet tal-Kunsill (2009, 2014 u 2016) u riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew (2011 u 2014). Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ġdida dwar "Politika integrata tal-UE għall-Artiku" ġiet approvata fis-16 ta' Marzu 2017. Fl-2013, il-Kunsill tal-Artiku kkonċeda lill-UE d-dritt li tattendi l-laqgħat tiegħu. Madankollu, xorta għadu ma ddeċidiex dwar it-talba li hija għamlet fl-2008 għal status ta' osservatur formali. Il-Parlament Ewropew huwa membru tal-Konferenza tad-Deputati Parlamentari tar-Reġjun Artiku.

— Il-Parlament Ewropew jiġi mistieden regolarment għas-sessjonijiet annwali tal-Kunsill Nordiku. Barra minn dan, delegazzjonijiet mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill Nordiku tal-Punent (li jinkludi membri parlamentari mill-Gżejjer Faeroe, Greenland u l-Iżlanda) jiltaqgħu darba f'sena.

Krzysztof Bartczak / Fernando Garcés de los Fayos
10/2018